# ID-DISINJATURI CHARLES & RON JAGĦTU LIBSA IKONIKA LIL HERITAGE MALTA

**Stqarrija| 27 ta' Ġunju 2024**

Id-disinjaturi magħrufa lokali Charles u Ron Van Maarschalkerweerd Borg, l-imħuħ kreattivi wara d-ditta tal-moda Charles & Ron, ippreżentaw bħala għotja lill-kollezzjoni nazzjonali libsa li nħadmet għall-okkażjoni prestiġjuża tal-Commonwealth Fashion Exchange, mument speċjali għall-wirt kulturali Malti.

Charles u Ron intlaqgħu fil-Palazz tal-Inkwiżitur u l-Mużew Nazzjonali tal-Etnografija mill-Kap Eżekuttiv ta' Heritage Malta s-Sur Noel Zammit, il-Kap tal-Operat ta' Heritage Malta Kenneth Gambin, u t-tim kuratorjali tal-mużew. Id-disinjaturi esploraw il-kollezzjoni nazzjonali tal-kostumi u t-tessuti, u skoprew aktar dwar l-istorja kulturali għanja  ta' Malta.

Wara dan, id-disinjaturi żaru l-laboratorju tal-konservazzjoni tat-tessuti ta' Heritage Malta, fil-kwartieri tal-aġenzija f'Bighi, il-Kalkara. Iggwidati mit-tim tal-konservazzjoni, Charles u Ron iddawru ma' din il-faċilità avvanzata li tippreserva u tirrestawra l-wirt tat-tessuti ta' Malta.

Il-libsa mogħtija bħala donazzjoni, eżemplari l-ġmiel tagħha ddisinjata għall- Commonwealth Fashion Exchange tal-2017, tissimbolizza l-għaqda u l-ħila kreattiva ta' disinjaturi mit-53 pajjiż tal-Commonwealth. Magħmula minn crepe tas-suf iċċertifikat minn Woolmark, il-libsa għandha dublett wiesa' u twil sal-art, bi ħbabat Maltin imwaħħlin bl-appliqué u mżejnin biż-żibeġ mid-disinjatriċi bbażata f'Mumbai, Khushboo. Il-blaws ikkordinat fih il-bizzilla Maltija, u l-kreazzjoni hija kompluta b'ċintorin tal-ġilda magħmul bl-idejn. Il-libsa hija mniżżla wkoll fuq Google Arts & Culture, pjattaforma li fiha kontenut minn aktar minn 2000 mużew u arkivju ewlieni: https://artsandculture.google.com/story/DwXhEd4ajOMqJg

Charles u Ron saħqu li huwa bi pjaċir u unur kbir li qed jagħmlu din l-għotja lil Heritage Malta, fl-għarfien li l-libsa se tkun imħarsa minn esperti u miżmuma fl-aqwa kundizzjoni għall-ġenerazzjonijiet li ġejjin. Huma semmew kif il-libsa tissimbolizza l-impenn tagħhom lejn il-wirt u d-disinn Malti, u li wara li ġiet esebita fil-Palazz ta' Buckingham, FIT New York u r-Royal Ascot, huma ferħanin immens li issa se ssib postha bħala parti permanenti mill-kollezzjoni nazzjonali ta' Malta.

Claire Bonavia, Konservatriċi Ewlenija għall-Karta u t-Tessuti fi ħdan Heritage Malta, enfasizzat li din it-tip ta' donazzjoni tarrikkixxi l-kollezzjoni nazzjonali hekk kif tinkludi xogħol minn disinjaturi lokali. Hija saħqet li, "Ir-rwol tal-konservatur huwa li jippreserva din il-libsa bl-aktar mod etiku possibbli biex tkun tista' tkompli titgawda fil-ġejjieni."

Anna Maria Gatt, il-Kuratriċi għall-Kostumi u t-Tessuti fi ħdan l-aġenzija, spjegat kif apparti li se tkun trattata, "il-ġrajja tal-libsa se tkun dokumentata, u magħmula aċċessibbli għal programmi edukattivi, riċerka, pubblikazzjonijiet u possibbilment wirjiet temporanji. Din il-kisba, flimkien ma' donazzjonijiet oħra, tindika b'mod ċar li Heritage Malta ma tħarisx biss il-passat iżda wkoll teżori minn żminijietna għall-ġenerazzjonijiet futuri."

Noel Zammit, il-Kap Eżekuttiv ta' Heritage Malta, esprima ħsibijiet ta' gratitudni: "Din l-għotja ġeneruża minn Charles u Ron tgħolli l-livell tal-kollezzjoni nazzjonali b'mod sinifikanti. Hija xhieda tal-impatt globali tad-disinn Malti li, bħala parti mit-tessut kulturali tagħna, Heritage Malta twiegħed li tkompli tkun tarka u promotur tiegħu."